MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Numru 627/2003

Il-Pulizija
(Sp Chris Galea Scannura)
vs
Theresa Azzopardi, bint Massimo
Zammit, imwielda Ħal-Qormi
fit-23 ta' marzu, 1966

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fit-30 ta' ġunju, 2003 għal ħabta tas-7.00 p.m. ġewwa Triq Ġuze Duca, Ħal-Qormi volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara hi iżjed minn ħamsin lira maltin iżda anqas minn ħames mitt lira maltin u saret fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAJ 353, tal-marka Citroen Ax u fuq il-bieb tad-dar ta' Rita Cardona;
2. talli fl-istess data, ħin u lok ħebbet għal Rita Cardona sabiex jinġurjaha, iddejjaqha jew tagħmillha ħsara;

3. talli fl-istess data, ħin u lok kisreet il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' frar, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-'parte civile' ma għandhiex aktar interess fil-kawża u qed tirrinunzja għall-azzjoni kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' frar, 2006 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputata u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 325(1)(b), 328(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------